MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**NEVILLE CAMILLERI**

Seduta tas-16 ta' Frar, 2012

Numru 170/2012

Il-Pulizija
(Spettur Luke Bonello
Spettur Godwin Scerri)

vs.

Christian Doublet

Il-Qorti

**Rat l-imputazzjonijiet migjubafil-konfront ta' l-imputat Christian Doublet, iben Pier u Josette xebba Grech, imwieled il-Pieta' nhar l-24 ta' Mejju 1994 u residenti 8, Triq l-Imsiebah, Mosta u detentur tal-karta ta' l-identita bin-numru 230494(M), akkuzat talli:**

**1. B'diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti, liema jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi, u gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, ghamel xi dikjarazzjoni falza, jew ta' xi taghrif falz, jew**

**ipproduca xi dokument falz, ghal xi wiehed mill-ghanijiet msemmija fil-Kapitolu 258, meta kien jaf li dan huwa falz, u dan bi ksur ta’ Artikolu 18 tal-Kapitolu 9 u Artikolu 14(2) (b) tal-Kapitolu 258.**

**2. U aktar talli, fl-istess zmien, lok u cirkostanzi, iffalsifika diversi karti ta’ l-identità jew xi dokumenti ohra jkunu li jkunu meħtieġa minn, jew maħsub għal, xi wieħed mill-għanijiet msemmija fil-Kapitolu 258 u dan bi ksur ta’ Artikolu 14 (2) (c) tal-Kapitolu 258.**

**3. U aktar talli, fl-istess zmien, lok u cirkostanzi, iffalsifika sigilli, timbri jew marki ohra, li qeghdin sabiex jissigillaw, jittimbraw, jimmarkaw, jawtentikaw jew jiccertifikaw fl-isem tal-Gvern jew tal-awtoritajiet tieghu, dokumenti jew oggetti, sew jekk ta’ proprjetà pubblika jew privata, jew li jkunu qeghdin taht il-garanzija pubblika w dan bi ksur ta’ Artikolu 172 (1) tal-Kapitolu 9.**

**4. U aktar talli, fl-istess zmien, lok u cirkostanzi, ghamel falsifikazzjoni ohra jew xjentement ghamel uzu minn xi dokument iehor falsifikat, u dan bi ksur ta’ Artikolu 189 tal-Kapitolu 9.**

**Il-Qort giet gentilment mitluba li f’kaz ta’ htija tordna l-konfiska tal-*corpus delicti*, li servew jew li kien maħsub li jservu sabiex isir id-delitt u dan *ai termini* ta’ Artikolu 23 (1) tal-Kapitolu 9.**

**Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.**

**Semghet lill-imputat jammetti l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u li huwa kkonferma l-ammissjoni tieghu anke wara li l-Qorti taghtu zmien jirrikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.**

**Ikkunsidrat**

**Illi l-Ufficjal Prosekutur ddikjara li r-raba’ (4) imputazzjoni hija alternattiva ghall-imputazzjonijiet l-ohra kollha migjuba fil-konfront tal-imputat.**

**Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u dawn ghalhekk huma sodisfacentement pruvati.**

**Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.**

**Ikkunsidrat**

**Illi, dwar il-piena, il-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni n-natura tar-reati addebitati lill-imputat, il-fedina penali tal-imputat (li hija wahda netta), l-ammissjoni bikrija tieghu f'dawn il-proceduri, il-fatt li huwa kkoopera mal-Pulizija, dak li wassal lill-imputat jikkometti r-reati li huwa wettaq, u kif ukoll il-fatt li huwa ghandu sbatax (17) il-sena.**

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, fid-dawl tal-ammissjoni ta' htija tal-imputat ghall-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u fid-dawl tad-dikjarazzjoni tal-Ufficjal Prosekutur li r-raba' (4) imputazzjoni hija alternattiva ghall-imputazzjonijiet l-ohra kollha migjuba fil-konfront tal-imputat, filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tar-raba' (4) imputazzjoni, wara li rat l-Artikoli 17(h), 18, 37, 172(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u kif ukoll Artikoli 14(2)(b) u 14(2)(c) tal-Kapitolu 258 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat Christian Doublet hati tal-ewwel (1), tat-tieni (2) u tat-tielet (3) imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu izda, billi Hija tal-fehma li fic-cirkostanzi piena karcerarja ma hijiex il-piena idonea u billi jissussistu l-elementi *ai termini* ta' l-Artikolu 7(2) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, a tenur ta' l-Artikolu 7(1) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tqieghed lill-imputat Christian Doublet taht ordni ta' *probation* ghal perijodu ta' tlett (3) snin mill-llum, liema ordni huwa soggett ghall-kondizzjonijiet elenkati fid-Digriet moghti llum stess u anness ma' din is-sentenza.**

***Ai termini* ta' l-Artikolu 7(7) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti fissret lill-imputat Christian Doublet bi kliem car u li jinftiehem, l-effetti ta' l-ordni ta'**

***probation* u tal-kondizzjonijiet kollha elenkati fid-Digriet anness ma' din is-sentenza u li f'kaz li jonqos milli jikkonforma ruhu ma' dik l-ordni u dawk il-kondizzjonijiet u/jew f'kaz li jaghmel reat iehor tul it-terminu ta' l-ordni ta' *probation,* jista' jinghata sentenza ghar-reati li taghhom nstab hati b'din is-sentenza.**

***Ai termini* ta' l-Artikolu 7(8) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza u ta' l-ordni ta' *probation* moghti b'Digriet ta' llum stess ghandhom jigu trasmessi minnufih lid-Direttur tas-Servizzi ta' Probation sabiex jassenja ufficjal tal-*probation* biex ikun responsabbli ghas-sorveljanza ta' l-imputat Christian Doublet.**

**Il-Qorti, a bazi tal-Artikolu 23(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tordna l-konfiska tal-*corpus delicti* ezebieti mill-Prosekuzzjoni fis-seduta tal-lum b'dan illi, in vista tat-talba maghmula mid-difiza u mid-dikjarazzjoni maghmula mill-Prosekuzzjoni fis-seduta tal-lum, il-hati qed jinghata l-permess li jaghmel kopja tal-kontenut tal-*computer* u tal-*pen-drive* esebiti llum basta dan isir taht is-sorveljanza tal-Prosekuzzjoni**

**Il-Qorti tordna li *ai termini* ta' l-Artikolu 392A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-atti kollha ta' dawn il-proceduri u kopja ta' din is-sentenza jintbaghtu lill-Avukat Generali fiz-zmien moghti mil-Ligi.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------